**Ruling tas-Sedja mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 301 tal-21 ta' Jannar 2025 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-Seduta Nru 300 tal-20 ta' Jannar 2025, l-Onor. Ryan Callus, eżattament fl-għeluq tal-ħin tal-Mistoqsijiet talab hekk:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, l-ewwel nett nixtieq nirringrazzjak talli tlabt lill-Ministru b'referenza għall-mistoqsija parlamentari nru 22723 biex minflok jirreferini għall-Gazzetta tal-Gvern, ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-Gazzetta tal-Gvern. Għaddewli erba' ħarġiet tal-Gazzetta tal-Gvern. Kull waħda fiha 250 paġna. Nixtieq nistaqsi lis-Sedja, u nitlob id-direzzjoni tiegħek: Biex ningħata risposta għal din id-domanda parlamentari rrid infittex f'elf paġna sempliċement biex nipprova infittex ir-risposta fejn hi? Naħseb li l-Ministru għandu jpoġġi l-paġna relatata, biex ikolli dik ir-risposta."

Is-Sedja wieġbet lill-Onor. Ryan Callus hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Issa nara l-query tiegħek u nagħti direzzjoni lill-Kamra."

L-Onor. Callus kien qed jagħmel referenza għal mistoqsija parlamentari li kienet ġiet imwieġba fit-13 ta' Jannar 2025 u li f'dik il-ġurnata kien talab lill-Ministru għal Għawdex li jitpoġġew id-dokumenti li għamel referenza għalihom fit-tweġiba għall-istess mistoqsija parlamentari fejn kien għamel referenza għal informazzjoni li tinsab fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, wara li l-Clerk of the House kitbet lill-istess Ministru wara li ġibed l-attenzjoni l-Onor. Ryan Callus illi d-dokumenti ma tpoġġewx fuq il-Mejda tal-Kamra kif suġġerit f'diversi rulings min-naħa tal-Ispeaker, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra P.L. 4797 li hija kopja tal-ħarġiet tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 20,980 datata t-23 ta' Diċembru 2022; Gazzetta tal-Gvern Nru 21,054 datata 16 ta' Mejju 2023; Gazzetta tal-Gvern Nru 21,169 datata 22 ta' Diċembru 2023; u Gazzetta tal-Gvern Nru 21,334 datat 25 ta' Ottubru 2024, u din bħala informazzjoni addizzjonali għall-mistoqsija parlamentari numru 22723 li tweġiba għaliha ngħatat fis-Seduta 297 tat-13 ta' Jannar 2025, dwar sponsorships u donazzjonijiet 'il fuq minn 2,500 għal kull għotja li ngħatat lill-benefikati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar.

Is-Sedja rat it-talba tal-Onor. Ryan Callus u tagħmel mill-ewwel referenza għal deċiżjoni li tat is-Sedja, diversament ippreseduta, u allura mill-Eks Speaker l-Onor. Louis Galea, fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010, fejn jingħad ċar illi:

> "L-Ordnijiet Permanenti 174 u 183 jipprovdu għad-dritt tal-Membri li jaqraw u jieħdu jew jingħataw estratti jew kopji ta' karti mqiegħda fuq il-Mejda jew ordnati li jiġu stampati mill-Kamra. L-Ordnijiet Permanenti 181 u 182 jipprovdu għad-dritt tal-Kamra li titlob, jew tal-President li jordna, "li jitqiegħdu quddiemha kontijiet, reżokontijiet, rapporti u karti, iżda ebda inkartament dipartimentali ta' natura konfidenzjali ma jeħtieġ jitqiegħed quddiem il-Kamra.""

Dan ifisser li fiċ-ċirkostanzi kollha, l-Ordnijiet Permanenti mkien ma jsemmu l-ħtieġa ta' xi permess tal-Kamra biex il-Ministru jqiegħed dokument jew karta fuq il-Mejda tal-Kamra. F'dan ir-rigward il-Ministru Clint Camilleri, minn rajh, wara li kien hemm ir-rakkomandazzjoni tas-Sedja, poġġa d-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-fatt li poġġa d-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra qegħdin għall-iskrutinju ta' kull Membru, inkluż il-Membru nnifisu li għamel id-domanda parlamentari, f'dan il-każ l-Onor. Ryan Callus.

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-Ordni Permanenti 197 u dan biex tara u tikkonsidra r-regoli u l-prattika tal-House of Commons, kif hemm miktub fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, u qieset ukoll x'jgħid l-*Erskine May*. Fil-fatt,

skont dawn huwa rari li ministru jwieġeb oralment mistoqsijiet parlamentari b'referenza biss għal xi dokument partikolari. Għalkemm jekk il-ministru jiċċita xi karta jew xi tweġiba waqt xi dibattitu jkun mistenni li sar f'ċerti kwalifiki ta' kunfidenzjalità jew sigurtà, iqiegħed tali karta fuq il-Mejda tal-Kamra, mhux mistenni li ministru jaqra tali karta/dokument minħabba li dan jista' jieħu wisq ħin mix-xogħol tal-Kamra. Din hija l-prattika fil-House of Commons. Għalhekk, meta jitpoġġa dokument fuq il-Mejda tal-Kamra, huwa l-Ministru li jiddeċiedi d-dokument li jitpoġġa, f'dan il-każ poġġa d-dokumenti kollha, u allura sta għall-Membru li juża jew jieħu informazzjoni minn dak id-dokument. Fl-ebda mument u fl-ebda ħin l-Ispeaker jew min ikun qed jippresiedi s-Sedja m'għandu l-poter li jordna jew jitlob lill-Ministru biex ukoll jara liema parti mid-dokument għandu jpoġġi. Fil-fatt, l-istess *Erskine May* jagħmilha ċara, u nikkwota:

> "it is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members."

Minkejja li s-Sedja tinnota l-fatt li l-Ministru Camilleri poġġa d-dokumenti relatati mad-domanda parlamentari li għamel l-Onor. Ryan Callus kif rakkomandat lilu mill-istess Sedja, u allura s-Sedja tara li m'għandhiex aktar fejn

tikkonsidra xi azzjoni oħra f'dan ir-rigward, terġa' tikkwota mill-istess ruling ċitat aktar kmieni fejn jingħad illi:

> "Tajjeb wieħed jgħid li r-regoli kurrenti li jirregolaw it-tqegħid ta' Mistoqsijiet fil-House of Commons iħeġġu lill-Membri sabiex ikollhom għarfien tajjeb tas-sorsi alternattivi ta' informazzjoni, speċjalment permezz ta' mezzi elettroniċi, u li jfittxu li jiksbu informazzjoni permezz ta' mistoqsijiet parlamentari kemm il-darba dawn is-sorsi jkunu ġew riċerkati u ma jissodisfawx. Tajjeb però wieħed jenfasizza li f'dan il-każ l-appell mhux qed isir biss lill-Membri imma lill-istaff tagħhom ukoll, faċilità li l-ebda Parlamentari Malti għad ma għandu u għaldaqstant filwaqt li l-appell fih innifsu jagħmel sens, id-dipartimenti u aġenziji tal-Gvern f'pajjiżna għandhom iżommu quddiem għajnejhom li l-Membri tal-Kamra tagħna la għandhom dawn il-faċilitajiet ta' appoġġ u lanqas huma Membri full-time."

Ir-ruling huwa deċiż.